# INFAKKRU L-MEMORJA TA' ANDREW (ANDREA) CAMILLERI EROJ IMQABBI TAL-EWWEL GWERRA DINJINA

*Riċerka u kitba ta' Charles J. Farrugia*
*BA(Hons), PG Dip. Rec. Mgmt., MA, MA (Lond)*

*Din ir-riċerka ġdida qed tiġi ppubblikata biex tfakkar Imqabbi li mill-kenn ta' daru fi Triq Santa Katarina fl-Imqabba emigra sabiex ifittex xortih barra minn xtutna. Mir-raħal remot tal-Imqabba vvjaġġa tnax-il elf mil sabiex jipprova jsib destin aħjar. Minflok xortih, sab mewta kiefra fl-għelieqi tal-battalja ġewwa l-Belġju. Fl-okkażjoni tal-mitt sena mill-ANZAC, qed nagħmlu ġustizzja storika ma dan iben l-Imqabba li sa issa kien minsi.*

## It-tifkira tal-ANZACs

Matul din is-sena id-dinja qed tfakkar iċ-ċentinarju tal-Maltin li mietu fi ħdan l-Australia and New Zealand Army Corps, popolarment imqassra għal ANZAC. Mietu miljuni l-vittmi ta' din il-gwerra. Minn dawn, kien hemm sebgħa, sitta emigranti minn Malta u wieħed Malti-Awstraljan tat-tieni ġenerazzjoni mwieled f'Melbourne li mietu fl-għelieqi tal-battalja f'Gallipoli fit-Turkija jew inkella fi Franza u l-Belġju.

*Il-lista tal-Maltin li mietu u huma uffiċjalment rikonoxxuti bħala mwiet tal-ANZAC hi din:*[1]

| *Isem* | *Post tat-Twelid* | *Rank* | *Meta miet* | *Fejn* | *Eta'* |
|---|---|---|---|---|---|
| *Bonavia, Charles Emanuel* | *Sliema* | *Private* | *25 ta' April 1915* | *Gallipoli* | *27* |
| *Brown, Francis Alfred* | *Valletta* | *Gunner* | *5 ta' Settembru 1917* | *Belġju* | *31* |
| *Bellia, Francis* | *Valletta* | *Private* | *17 ta' April 1918* | *Meteren, Franza* | *28* |
| *Rizzo, Thomas* | *Melbourne* | *Private* | *19 ta' Mejju 1918* | *Franza* | *28* |
| *Beck, Waldemar* | *Sliema* | *Private* | *6 ta' Lulju 1918* | *Battle of Hamel Franza* | *29* |
| *Bartolo, Francesco* | *Mellieħa* | *Private* | *9 ta' Awwissu 1918* | *It-Tieni Battalja ta' Somme, Franza* | *24* |
| *Camilleri, Andrew* | *Mqabba* | *Private* | *12 ta' Ottubru 1917* | *Passendale, Belġju* | *26*[2] |

Din il-lista qed tiġi riprodotta minn artiklu li deher fil-Maltese e-Newsletter tal-Awstralja ta' Marzu 2014.[3] L-aktar dettalji xotti f'dak l-artiklu u lista huma propju dwar l-Imqabbi Andrew Camilleri, għaliex lanqas id-data tal-mewt ma hi mogħtija u fil-fatt ġiet mimlija mill-awtur fit-tabella ta' qabel. Dan l-artiklu għandu l-iskop li jimla dan il-vojt storiku.

Andrea twieled l-Imqabba fit-30 ta' Awwissu 1893 iben Gio Maria Camilleri u Katerina, xebba Farrugia mwielda ż-Żurrieq. Kien joqgħod f'numru 18/19, Strada Santa Caterina u magħrufa bil-laqam tal-familja bħala "tal-Ghizzu". Miċ-ċertifikat tat-twelid ta' Andrea joħroġ li hu kellu ħuh tewmi, Emanuele, li miet ta' 5 xhur u jinsab midfun fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba. Ma kienx ċar għaliex issemma Andrea peress li fl-Imqabba l-akbar devozzjoni ma kinitx lejn dan il-qaddis kif inhu fir-raħal ġar ta' Ħal Luqa. Minkejja dan, tajjeb li wieħed ifakkar li fil-pjazza tal-Imqabba fejn illum hemm l-istatwa ta' Santu Rokku kien hemm propja statwa ta' Sant'Andrija li tkissret fit-Tieni Gwerra Dinjija. Iżda jidher li r-raġuni issa nafuha. Nannuh iż-Żurrieqi minnaħa ta' ommu kien jismu Andrea.

Andrea studja fl-iskola primarja tal-Imqabba. Daħal l-iskola fl-24 ta' April 1899 meta kellu 5 snin u għamel sa Standard 4. Minn hemm inħareġ sabiex jaħdem fil-barriera peress li missieru kien ħaddiem fil-barriera. Ommu probabbli li wkoll marret l-iskola għaliex kienet taf tiffirma.

Skont informazzjoni utli li għaddieli l-istoriku tal-emigrazzjoni Mark Caruana meta Andrea ingaġġa mal-armata Awstraljana kien joqgħod *East Sydney*. Minħabba f'hekk Caruana offra li jgħin f'din ir-riċerka ġewwa *Blacktown City Library* fl-Awstralja. L-eżitu tar-riċerka kkonferma li Andrew Camilleri ma jissemma mkien. Fost id-dokumenti hu ra r-reġistru elettorali tal-1914. Sfortunatament it-tradizzjoni ġewwa l-Awstralja fejn jidħlu ċensimenti mhix simili għal dik fl-Ewropa minħabba applikazzjoni aktar ristrettiva tal-kunċett ta' privatezza. Hu vverifika wkoll ir-rekords tal-pulizija u l-qrati iżda ma sab xejn lanqas. L-istess analiżi saret fuq ir-rekords tal-Kanada. Ħafna mill-Maltin kienu jwieżnu lill-familja tagħhom hawn Malta billi jibagħtu flus li ħafna drabi



PASSPORT—No. 420 DATED 3 3 13

DECLARATION TO BE MADE BY APPLICANT FOR PASSPORT.

(a) Valletta 25 March 1913.

I, the Undersigned, (b) Andrea Camilleri

residing at 18 S. Catherine St. (Nicabiba) hereby declare that I am

(c) [For a Married Woman or Widow (to be struck out in other cases). Particulars of Husband's birth to follow. the wife / widow of ——— and that my husband / late husband was]

a (d) British - born Subject having been born

at Nicabiba on the 30th day of August 1893.

[For Persons born Abroad, who derive British nationality from a father or paternal grandfather born within His Majesty's Dominions. (To be struck out in other cases). my (his) father / paternal grandfather having been born within His Majesty's Dominions at ——— on the ——— day of ———]

and not having lost the status of British Subject thus acquired, and I hereby apply for a Passport for the purpose of travelling to (e) Canada

(f) Signed Andrea Camilleri

AND I, the Undersigned, (g) Parish Priest of Porto Salvo

residing at St. Dominic's Valletta hereby declare that to the best of my knowledge and belief the above made Declaration of the said Andrea Camilleri is true, and that he/she is a fit and proper person to receive a Passport.

Signed Fr. Louis ... O.P.

DOCUMENTS PRODUCED

L-applikazzjoni għal passaport minn Andrea Camilleri sabiex imur il-Kanada – 3 ta' Marzu 1913. (Ħajr: Arkivji Nazzjonali)



CUSTOM HOUSE—MALTA.

...T OF PASSENGERS on board the ... arrived at / leaving MALTA,

| Date | Name and Surname | Nationality | Occupation or Trade | Place of embarkation / Place of destination |
|---|---|---|---|---|
| | Giovanni Borg | Maltese | Emigrant | |
| | Gaetano Bustittil | " | " | |
| | Costantino Mallia | " | " | |
| | Giuseppe " | " | " | |
| | Carmelo Pirrech | " | " | |
| | Antonio Borg | " | " | |
| | Carmelo Vassallo | " | " | |
| | Giovanni Nauti | " | " | |
| | Gio: M. Cutajar | " | " | |
| | Antonio Conna | " | " | |
| | Giuseppe Micallef | " | " | |
| | Lorenzo Gauci | " | " | |
| | Corrado Vella | " | " | |
| | Francesco " | " | " | |
| | Luca Debono | " | " | |
| | Giuseppe Azzopardi | " | " | |
| | Giuseppe Zammit | " | " | |
| | Felice Micallef | " | " | |
| | Carmelo Galea | " | " | |
| | Giuseppe Genovese | " | " | |
| | Francesco Schembri | " | " | |
| | Andrea Camilleri | " | " | |
| | Carmelo Bartolo | " | " | |

kienu jkunu ta' għaxar sterlini, jew guineas (lira u xelin) li kienu jmorru fil-*Commonwealth Bank* u wara jintbagħtu lill-qraba Malta. Iżda fin-nuqqas ta' sorsi dwar ħajjet Camilleri fl-Awstralja jew il-Kanda, is-sorsi fl-Arkviji Nazzjonali ta' Malta jagħtu stampa sostanzjali.

## L-Emigrazzjoni

Is-sena 1913 kienet is-sena li fiha l-emigrazzjoni lejn l-Awstralja bdiet taqbad l-art b'ritmu qawwi. Filwaqt li s-sena 1912 rat rekord ta' madwar 400 ruħ li telqu lejn l-Awstralja, sena qabel fl-1911 iċ-ċifri kienu ferm iżgħar. Fis-sena 1915 naraw il-fenomenu li ferm aktar Għawdxin milli Maltin telqu lejn l-Awstralja. Dan peress li l-effetti pożittivi tal-Gwerra ma kienux ta' benefiċċju għalihom daqskemm għall-Maltin.

Il-ħajra tal-emigrazzjoni laqtet ukoll lil Andrea li applika għal passaport sabiex imur il-Kanada fit-3 ta' Marzu 1913. F'din l-applikazzjoni jidher li kien joqgħod f'numru 18 Strada Santa Caterina u l-applikazzjoni tiegħu ġiet iffirmata mill-Kappillan tal-Portu Salvu fil-Belt.[4]

Andrea ħalla Malta fis-6 ta' Marzu 1913 ma' grupp ta' madwar 160 passiġġier fuq il-vapur Carthage li kien sejjer Tunis u Marsilja.[5] Mhux magħruf sa issa kemm dam f'Marsilja Andrea. Dan id-dokument ma jsolvix l-istorja kollha u kif Andrea spiċċa fl-Awstralja. Minkejja dan, skont l-istoriku Mark Caruana il-Carthage kien isalpa ta' spiss lejn Tunis fejn iniżżel u jtella' passiġieri għal Marsilja. Minn hemm, Andrea probabbli seta baqa' sejjer il-Kanada, peress li ħafna mill-Maltin li kienu qed jieħdu dik ir-rotta kienu qed jagħmlu. Probabbli reġa' ġie Malta għax 'Novembru daħal fil-Militar.

## Il-ħajja militari

Jidher li Andrea kellhu namra lejn il-ħajja fil-militar. Hu qatta' xi tliet xhur fil-KOMR. Fil-fatt insibu l-applikazzjoni tiegħu biex jingaġġa bin-numru 9580



Description of Andrea Camilleri on Enlistment.

Apparent Age 19 years — months.
(To be determined according to the instructions given in the Regulations for Army Medical Services.)
Height 5 feet 3½ inches.
Weight 142 lbs.
Chest measurement: Minimum 36 inches. Maximum expansion 38½ inches.
Complexion Dark
Eyes Hazel
Hair Dark Brown
Religious denomination: Church of England / Presbyterian / Wesleyan / Other Protestants / Roman Catholic Yes / Jews

Distinctive marks, and marks indicating congenital peculiarities or previous disease.
(Should the Medical Officer be of opinion that the recruit has served before, he will, unless the man acknowledges to any previous service, attach a slip to that effect, for the information of the Approving Officer.)

Maltese Cross on left arm
Emblem of St Andrew on left forearm

Dettalji tal-fiżjonomija ta' Andrea mill-Enlistment form tiegħu. (Ħajr: Arkivji Nazzjonali)

Lista tal-passiġieri li telqu ma' Andrea Camilleri fuq il-Carthage. (Ħajr: Arkivji Nazzjonali)

iffirmata fil-5 ta' Novembru 1913. Dak iż-żmien hu kellu 19-il sena u jinsab imniżżel bħala Labourer. Sarlu wkoll l-eżami mediku fl-istess jum.[6]

Meta mar l-Awstralja hu reġa' wera x-xewqa għal ħajja militari. Dan joħroġ anke mill-enlistment form li mela f'Sydney. Hu mela l-enlistment papers ġewwa Victoria Barracks f'Sydney fl-24 ta' Jannar 1917. Skont informazzjoni utli li għaddieli l-istoriku tal-emigrazzjoni Mark Caruana meta Andrea ingaġġa mal-armata Awstraljana kien joqgħod East Sydney. Hu ngħaqad mat-35th Battalion tal-Infanterija tal-Armata Awstaljana bin-numru tas-servizz ikun 7212. Iżda d-destin kien kiefer miegħu u hu nqatel fit-12 ta' Ottubru 1917 fl-eta' ta' 26 ġewwa l-Belġju. Jinsab midfun ġewwa ċ-Ċimiterju ta' Tyne Cot fil-Belġju.[7]

Imqanqal mill-kurżità ta' kif tilef ħajtu Andrew, kif beda jissejjaħ fl-Awstralja, fil-15 ta' Frar 2014 ktibt lil Arkvista ta' Tyne Cot biex nara hemmx xi ħjiel ieħor. Fil-fatt nirċievi risposta dettaljata mill-Arkivist Steven Vandenbussche li indikali li fil-fajl ta' Camilleri hemm li hu kien għadu kif ħa postu fuq il-mira meta bomba sparat fil-vicinanza u qatlitu. Jidher li l-każ ġara fil-viċinanzi ta' fejn illum jinsab iċ-ċimiterju ta' Tyne Cot. Jista' jkun ukoll li dan ta' Andrew jista' jkun l-uniku qabar ta' Malti tal-ANZAC li jeżisti. L-Arkivista kien ġentili biżżejjed li mmarka l-post tal-inċident fuq il-mappa tal-post, liema indikazzjoni qed tkun ppubblikata ma' dan l-artiklu.



Il-post approssimattiv tal-mewt ta' Andrew Camilleri f'Passendale (Ħajr: Arkivju taċ-Ċimiterju ta' Tyne Cot, Belġju).


Silta mid-Djarju tat-35th Battalion fil-jum li nqatel Andrew Camilleri (Ħajr: Arkivju taċ-Ċimiterju ta' Tyne Cot, Belġju).

Mal-fajl ta' Camilleri nsibu nota bl-affarijiet personali li ġew irkuprati li tgħid hekk: No. 7212 Camilleri – 35th Battalion – Ex 3rd Echelon France (12030) bid-data tat-18 ta' Marzu 1818. L-affarijiet personali msemmija huma: "*prayer book, strop, letter, dentifrice tin, handkerchief, metal wrist watch damaged and strap.*" Anke dawn l-affarijiet huma indikattivi għaliex juru li Andrew ġarr miegħu t-trobbija reliġjuża u ħa miegħu il-ktieb tat-talb sat-trunċieri tal-mewt. Għall qlubija tiegħu hu ġie onorat bil-*Victory Medal* wara mewtu. Fil-fatt, fid-19 ta' Lulju 1923 ommu Caterina Camilleri, iffirmat li rċeviet il-*Victory Medal* għan-nom ta' bina Andrew.


RECEIPT FOR VICTORY MEDAL.

Received from the Officer i/c Base Records, Army Head-quarters, one Victory Medal in connexion with the late No. 7212 Private A. CAMILLERI, 35th Battalion.

Signature Caterina Camilleri

Date 19th July 1923.

This slip to be returned to the Officer in Charge, Base Records, Victoria Barracks, Melbourne, Victoria, within seven (7) days.

Firma ta' Caterina Camilleri għall-għoti tal-Victory Medal.



Il-qabar ta' Andrew Camilleri fil-Belġju (Ħajr: Is-Sur Joe Scerri)

## Obbligu li nfakkru

Il-memorja ta' Andrew Camilleri tinsab minquxa fuq il-lapida fuq il-qabar tiegħu fiċ-Ċimiterji tal-vittmi ta' din il-Gwerra ħarxa ġewwa l-Belġju. Hemm ukoll ħidma għal tifkira fl-Awstralja. Ta min jgħid li l-Gvern Federali Awstraljan ta għotja ta' $3,500 sabiex it-Taqsima tal-ex-Servicemen RSL Sub Branch Association ifakkru ċ-ċentinarju tal-ANZAC fil-

kommunità. Il-grupp Malti beħsiebu jwaqqaf plakka kommemorattiva sabiex jitfakkru l-Maltin Awstraljani li tilfu ħajjitom fl-Ewwel Gwerra Dinjija. Din l-inizjattiva ser twassal sabiex erbgħin suldat Malti li ġġieldu mal-qawwiet Awstraljani fl-Ewwel Gwerra ser ikunu mfakkar ġewwa c-Civic Park, Pendle Hill, u fil-Maltese Resource Centre ġewwa Parramatta.

Jiena nemmen li l-obbligu li nfakkru m'għandux jerfgħuh biss il-Maltin tal-Awstralja jew il-Belġjani. Konvint li hemm żmien biżżejjed sabiex sentejn oħra, f'egħluq il-mitt sena mill-mewt ta' Andrea Camilleri il-komunità tal-Imqabba tfakkru b'mod denju. Nispera li dan is-suġġeriment ma jaqax fuq widnejn torox bħalma ġara b'suġġeriment ieħor li kont għamilt sabiex jitwaqqaf bust fil-ġnien tal-Mentna sabiex ifakkar lill-politiku saċerdot Imqabbi Alfons Caruana. Jekk kommunità ma tarafx tapprezza lil ulieda tkun qed tonqos mhux biss lill-ġenerazzjonijiet passati li bnewha, iżda wkoll lil dawk futuri li jistgħu biss jożżugħa jekk isiru jafuha.

In Memory of

Private

**Andrew Camilleri**

7212, 35th Bn., Australian Infantry, A.I.F. who died on 12 October 1917 Age 26

Son of John and Caterina Camilleri, of St. Santa Caterina, Mirabiba, Malta.

Remembered with Honour

Tyne Cot Cemetery



COMMONWEALTH WAR GRAVES COMMISSION

**Commemorated in perpetuity by**

**the Commonwealth War Graves Commission**

Ir-Roll of Honour li ssemmi lil Andrew Camilleri

***Radd il-ħajr***

***Kienu diversi n-nies li taw palata biex dan l-artiklu seta jinġabar u jara d-dawl tal-pubblikazzjoni. B'mod partikolari nixtieq nirringrazzja lil Mark Caruana, Joseph Scerri, Anthony Bonello, Ġużeppi Farrugia, Patrick J. Micallef, Simon Cusens u Joseph Amodio għall-għajnuna tagħhom.***

1 It-tabella ġiet riprodotta minn 'The fallen Maltese-Australian soldiers killed in World War I' mill-Maltese e-Newsletter, Marzu 2014, p. 15. Inqalbet għal Malti u saru adattamenti u korrezzjonijiet peress li l-informazzjoni dwar Andrew Camilleri kienet nieqsa jew mhux korretta.

2 Fit-tabella oriġinali jidher li kellu 26 sena u li miet fl-1918. Dawn iż-żewġ ċifri qed ikunu korretti f'dan l-artiklu.

3 Maltese e-Newsletter March 2014, 'The Fallen Maltese-Australian soldiers killed in World War I', pp. 15 – 17.

4 L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta (NAM), MFA01/420 – 3 ta' Marzu 1913.

5 NAM, CUS, L365, Departures, 6 ta' Marzu 1913.

6 NAM, KOMR Regiment, no. 9580, 1913.

7 AWM145 Roll of Honour cards, 1914-1918 War, Army.

8 Rapport ppubblikat nhar il-Ġimgħa 20 ta' Frar 2015 u mgħoddi lil Mark Caruana.